**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018.**

**Talba Nru: 292/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Grecko Agris**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fis-27 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hames mija, tnejn u tmenin Ewro, wiehed u sittin centezmu (€582.61c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40474725, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 2329/2017 u bl-imghax legali.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici mal-Avviz tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-hlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawza (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici (Dok. B1, fol. 3); (iii) certifikat ta' amalgamazzjoni tas-socjeta' Mobisle Communications Limited fis-socjeta' attrici (Dok. B2, fol. 4); (iv) kopja l-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 2329/2017 (Dok. C, fol. 5-7); (v) estratt mir-Registru Elettorali li juri l-indirizz registrat tal-konvenut (Dok. D, fol. 8) u (vi) traduzzjoni fil-lingwa Ingliza tat-Talba (Dok. E, fol. 9).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-Smigh, pero' baqa' ma pprezentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawza.

Sema' x-xiehda ta' Maryanne Camilleri ghas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut, ghar-ragunijiet spjegati fl-Avviz tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta ampjament pruvata, fil-kontumacja tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hames mija, tnejn u tmenin Ewro, wiehed u sittin centezmu (€582.61c), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**GUDIKATUR**